MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 1108/2009

**GO p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Presidential Holdings Ltd. (C38482)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mis-socjeta’ attrici fit-13 ta’ Novembru, 2009, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi s-socjeta attrici, li precedentement kienet topera taht l-isem ta’ Maltacom p.l.c., bidlet isimha, u dan fl-istess waqt li hija zammet l-istess personalita guridika ezistenti stante li n-numru ta’ registrazzjoni taghha mar-Registratur tas-socjetajiet baqa’ l-istess, cioe C-22334, u dan kif jirrizulta mill-anness dokument mmarkat bhala Dok A.

2. Illi s-Socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf mitejn disgha u disghin Euro u sitta u tletin centezmu (€22299.36), u dan in konnessjoni ma servizzi telefonici bin-numri 21375580, 21375581, 21375582, 21375583, 21375584, 21375585, 21375586 (AC40069295) u PABX (D-HOTELPAT).

3. Illi s-Socjeta' konvenuta giet interpellata biex thallas, izda din baqghet nadempjenti;

4. Illi l-Avukat Dr. Keith Grech huwa mpjegat tas-Socjeta' attrici p.l.c. u jaf b'dawn il-fatti personalment, wara li vverifika ma' l-informazzjoni fil-files relattivi tas-Socjeta attrici.

5. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talbet li s-socjeta' konvenuta ghar-ragunijiet premessi tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u provedimenti opportuni :

Tikkundanna lis-Socjeta' konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf mitejn disgha u disghin Euro u sitta u tletin centezmu (€22299.36) in konnessjoni mas-servizzi fuq citati;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-prezenti, dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghaxijiet legali, kontra s-Socjeta' konvenuta, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta risposta guramentata u b'hekk baqghet kontumaci;

Rat l-affidavit ta' l-Avukat Dr Keith Grech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' attrici;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lil Dr Ingrid Zammit Young ghas-socjeta' attrici fis-seduta tat-2 ta' Gunju, 2010 tikkonferma bil-gurament illi l-ammont reklamat fir-rikors guramentat ghadu dovut;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors guramentat tirrizulta ippruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta, tiddeciedi billi tilqa it-talba attrici, kif dedotta fir-rikors guramentat u hekk tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf mitejn disgha u disghin Euro u sitta u tletin centezmu (€22299.36) in konnessjoni mas-servizzi fuq citati; bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------